**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 5593/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clint Chetcuti**

**Illum, 12 ta' Diċembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Clint Chetcuti detenur** tal-karta tal-identita' Maltija **0579092M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- Meta b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Lulju 2023, Awissu 2023, Settembru 2023, Ottubru 2023, Novembru 2023 u Dicembru 2023 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Diandra Cilia Srour u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 -il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Settembru 2024, fejn filwaqt li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif

sollevata mid-difiza, ma sabitx lill-appellant hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu ghax-xahar ta' Dicembru 2023 u konsegwentarnent illiberatu minnha izda sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu kwantu ghax-xhur rimanenti u cioe' dawk ta' bejn Lulju u Novembru 2023 u kkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Clint Chetcuti, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Ottubru,2024 , fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1) Tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti u tıddikjara l-azzjonı kriminalı mehuda kontra l-appellant bhala preskritta.

2) Minghajr ebda pregudizzju ghas-su espost fil-waqt li tikkonferma dık il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu ghax-xahar ta' Dicembru 2023 u konsegwentament illiberatu minnha izda sabet lill-appellant hati tal- imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu kwantu ghax-xhur rimanenti u cioe' dawk ta' bejn Lulju u Novembru 2023, tırriforma s-sentenza appellata u tipprovdi ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

<u>**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**</u>

**Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni kienu s-segwenti:**

**A. Azzjoni Preskritta bit-Trapass taz-Zmien**

Jirrizulta mir-riferta li tqassmet lill-appellant illi l-istess appellant gie notifikat b'dawn il-proceduri u cioe' bl-akkuza nhar il-11 ta' Gunju 2024.

Jirrizulta wkoll illi r-rapport li ghamlet il-parte civile kien jinkwadra manteniment dovut ghax-xhur ta' Lulju 2023 sa Novembru 2023 u dan skond digriet datat 13 ta' Gunju 2023,

L-appellant qatt ma kellu jigi akkuzat talli naqas li hallas il- manteniment ghax-xahar ta' Dicembru 2023 u dan stante li kien thallas. Fuq dan il-punt l-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat illi: "Irid jinghad li d-difiza ghandha ragun meta tikkontendi li ma tistax tifhem kif l-akkuza tinkludi x'xabar ta' Dicembru 2023 meta r-rapport relattiv sar Novembru 2023 (u konsegwentament ma seta' qatt jinkludi xahar futur ta' Dicembru 2023) u meta naturalment l-affidavit esebit mill-Prosekuzzjoni wkoll jinkwadra ruhu sa Novembru 2023, u l-parte cvile stess fix-xchieda taghba ddikjarat li ntavolat rapport mil-Pulizja ghax-xhur ta′ bejn Lulju u Novembru 2023.

Ghaldaqstant l-akkuza fil-konfront tal-appellant kellha tirrısalı sa Novembru 2023 u mhux Dicembru 2023. Illi ghaldaqstant il-kalkolı ta' jekk l-akkuzi kienux preskritti u dan kif gie irrimarkat mil-ewwel Onorabbli Qorti u cioe' s-6 xhur u 15 -il gurnata minn meta kien dovut il-manteniment kellu jitqies ix-xahar ta' Novembru 2023 u mhux Dicemenbu 2023.

Illi l-appellant pero' ma jaqbilx mal-kalkoli ta' kıf saru mil-Ewwel Onorabbli Qorti fejn bi zvista flok ıkkalkulat is-6 xhur u 15 -il gurnata mid-data ta meta l-pagament kien dovut u cioe' sitt xhur u hmistax -il gurnata mit-13 ta' Novembru 2023 ikkalkulat is-6 xhur u 15-il gurnata mit-28 ta' Novembru 2023 u cioe' mid-data tad-digriet li kien inhareg mil-Qorti tal-Familja liema Qorti kienet varjat id- digriet tat-13 ta' Gunju 2023 u liema digriet mhuwiex mertu ta' dawn il-proceduri stante li jikkaverja l-manteniment mix-xahar ta' Dicembru 2023.

Illi ghaldaqstant jekk wiehed jikkalkula is-6 xhur u 15 -il gurnata mit-13 ta' Novembru 2023, 1-appellant kellu jigi notifikat b'dawn il- proceduri mhux aktar tard mit-28 ta' Mejju tas-sena 2024.

llli kif jirrızulta mir-riferta ezebita l-appellant gie notifikat b'dan il-proceduri nhar il-11 ta' Gunju 2024.

Illi stante li l-appellant ma giex notifikat fi żmien sitt xhur minn meta gie kkunsmat ir-reat cioe' mil-hmistax -il jum li fih kellu jithallas il- manteniment dovut ghax-xahar ta' Novembru tas-sena 2023 l-azzjoni kellha tigi ddikjarata bhala preskritta mil-Ewwel Onorabbli Qorti

**B. Dwar il-Piena Kominata**

Minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost filwaqt li llum il-gurnata l-appellant qieghed jinjora l-obbligi tieghu f'dak li jirrigwardja hlas ta' manteniment, fil-perijodu indikat fl-akkuza l-istess appellant kien ghaddej minn problemi finanzjarjı.

(ii) Ghal-evitar ta' kwalsiasi malintiz, l-appellant huwa konxju mill-fatt li fuq skorta ta' gurisprudenza kopjuza in materja, tibdil fil-mezzi finanzjarji ta' min huwa obbligat ihallas il-manteniment ma tiggustifikax in-nuqqas tieghu li jonora tali obbligu. Di fatti, bl-ebda mod l-appellant ma qieghed iqajjem id-difiza ta' *ad impossibilia nemo tentetur* izda sejjer biss igib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabblı Qorti numru ta' fatturi li fl-umli fehma tieghu għandhom jimmilitaw favur il-kominar ta' piena iktar miti

(ii) In primis, l-appellant jaghmel accenn ghal dak ritenut mill-Qorti tal- Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. John Debono'** deċiza nhar is-27 ta'

April 2012, fejn inghad illi: "il-fatt li persuna tisfa bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili... Ir-rimedju li ghandu u li kellu jiehu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika 1-ordni tal- manteniment." [sottolinejar tal-appellant).

F'dan l-isfond, l-appellant jagħmel referenza wkoll ghal dak deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Publius Said'** fejn ġie ritenut illi: "L-iskop tal-legislatur meta introduċa din il-kontravvenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom u mhux biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi għandhom dejjem jigu osservati skrupołożament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."

(v) Jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha u kwindı l-appellant jispicca inkarcerat, tkun il-parte-civile stess li tigi pprivata milli tircievi l-manteniment u ghalhekk l-iskop originali ta' din id-disposizzjoni legali certament ma jkunx qieghed jintlahaq.

Di piu, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi'**, deciza nhar is-26 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie ritenut li in vista ta' dak deciz fis-sentenza **'Il-Pulizija v. Publius Said'**, il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija u minflok kkundannatu għall-hlas ta' ammenda fl-ammont ta' €58.23, liema somma tigi kkonvertita f'hamest (5) ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

Fl-ahhar nett, ghandha wkoll ssir referenza ghas-sentenza **<u>'Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>'** datata 26 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ıddecidiet illi:

"... ghalkemm l-ewwel Qorti gustament għaddiet sabiex tinfliggi piena karċerarja, madanakollu minħabba li l-appellant qieghed ihallas dak dovut minnu ħuwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellant jispiċċa inkarcerat u ghalhekk mingħajr introjtu, l-parti leza ser tiġi ipprivata milli tirċievi l-manteniment lilha dovut u ghalhekk is-sanzjonijiet tal-liġi ma ikunux qed jilħqu l-effett mixtieq. Ghalhekk indubbjament f'dan il-każ hemm lok ghal temperament fil-piena."

Ghalhekk, fid-dawl tal-premess kollu, l-appellant jemmen bis-shih li piena karcerja ma hix wahda idoneja fic-cirkostanzi stante li b'dan il-mod il-qaghda finanzjarja tieghu ser tkompli taggrava ruhha bil- konsegwenza li l-parte-civile ser iddum izjed ma tithallas.

Rat l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2024 fejn l-appellant u l-Avukat Ġenerali qablu li dan l-appell jiġi differit għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskirzzjoni.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti.

Rat ix-xhieda tal-parte civile **Diandra Cilia Srour** fejn din għamlet rapport mal-Pulizija relattiv għax-xhur ta' bejn Lulju u Novembru 2023. Hija eżebiet kopja legali tad-digriet datat 13 ta' Ġunju 2023 li abbażi tiegħu tikkontendi li għandha titħallas il-manteniment fl-ammont t' €400 permezz ta' *standing order*. Hija kkonfermat li ma

rċeviet ebda ammont permezz ta' *standing order* jew flus kontanti għall-perjodu li fuqu għamlet ir-rapport. Għar-rigward ix-xahar ta' Diċembru 2023, il-*parte civile* kkonfermat li dan l-ammont kien tħallas lilha. Hi ċaħdet li l-imputat taha tlett mitt Euro (€300) fi flus kontanti (minflok l-ammont ta' erba' mitt Euro (€400)) fir-rigward dak il-perijodu li hija kienet rraportat mal-Pulizija.

Rat ix-xhieda tal-imputat **Clint Chetcuti** li bil-ġurament tiegħu jghid li huwa ħallas is-somma ta' tlett mitt Euro (€300) fi flus kontanti (minflok l-ammont ta' erba' mitt Euro (€400) lil *parte civile* għax-xhur ta' bejn Lulju u Novembru 2023. Huwa qal li ħallas dan l-ammont fi flus kontanti u ma kellu ebda prova ta' dan il-ħlas. Qal li permezz ta' digriet datat it-28 ta' Novembru 2023 il-manteniment ġie ridott għal tlett mitt Euro (€300) fix-xahar. Huwa ma kienx jaf jekk il-ħlas kellux isir permezz ta' *standing order* jew le. Qal li manteniment għax-xahar ta' Diċembru 2023 kien ħalsu u baqa' jagħmel hekk.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment</u>**

Illi din is-sentenza sejra titratta **<u>unikament</u>** l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fir-rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Avukat Ġenerali fir-risposta tal-appell tiegħu aderixxa ruħu mal-argument sollevati mill-appellant. Illi effettivament huwa jinkonkludi r-risposta tal-appell tiegħu fejn jindika "*għal dawn ir-raġunijiet, l-appell għandu jiġi milqugħ fir-rigward tal-ewwel aggravju stante li dan ir-reat huwa preskritt*".

Illi artikolu 338 (z) tal-Kap 9 jipprovdi kif ġej:

> ***'Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbutb'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-***

***sommaffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntrattbħala manteniment għal dik il-persuna fi żmienħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordnijew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:Iżda, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur'***

L-**artikoli 691 (1) tal-Kap 9** tipprovdi dan li ġej għar-rigward ir-regola tal-preskrizzjoni meta jkun hemm reat kontinwat:

> *'Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.'*

Ħarsa lejn is-sentenza fl-ismijiet **l-<u>Pulizija vs Peter Abdilla</u>** deċiża nhar it-28 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali nsibu**:**

> ***"****'Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-"continuing offence" kif ukoll ghall-"continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ….Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")"*

Dan ma jfissirx li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantaneja ma jistghux – anke a beneficcju ta' l-imputat – jingabru flimkien mill-prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant bl-aggravju sollevat minnu ta' preskrizzjoni. Ghar-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Difatti skond l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir lahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-pemanenza tar-reat.

Illi jirriżulta li hemm qbil bejn l-appellant u l-Avukat Ġenerali li l-imputazzjonijiet imressqa kontra l-appellant huma tabilħaqq preskritti. Pero cionondimeno il-Qorti ma tistax tistrieh biss fuq dak li jiftiehmu l-partijiet trid tindaga ulterjorment stante li dawn huma proceduri ex-ufficcju u kontra l-amministrazzjoni tal-Qorti.

Kif inhu risaput, fil-kamp penali il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni hi materja ta' ordni pubbliku u din il-Qorti (cioe` il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) hi obbligata li tezamina l-atti biex tara jekk effettivament kinitx irrekorriet tali preskrizzjoni minkejja li jidher li hemm qbil.

Il-perijodu li jikkonċerna din l-akkuża huwa l-manteniment ghax-xhur minn Lulju 2023, Awissu 2023, Settembru 2023, Ottubru 2023, Novembru 2023 u Dicembru 2023.

Illi l-manteniment dovut mill-imputat għall-minuri ġie stabbilit permezz ta' l-ewwel digriet tal-Imħallef Dottor Jacqueline Padovani Grima datat it-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) (fol 12 u fol 13 tal-process) liema digriet stabilixxa r-retta alimentarja fl-ammont ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar, liema digriet ġie varjat permezz ta' digriet ieħor tal-Imħallef Dottor Jacqueline Padovani Grima datat it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) (fol 19 tal-process) li naqqas is-somma ta' manteniment dovut mill-imputat għal tlett mitt Euro (€300) fix-xahar.

Illi għalkemm tul dawn il-proċeduri irriżulta li l-manteniment għax-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) kien imħallas, ġialadarba dan ix-xahar huwa parti mill-akkużi din il-Qorti xorta għandha tieħu dan ix-xahar in konsiderazzjoni sabiex tistabilixxi jekk l-akkuża hijix waħda preskritta o meno.

Illi l-**artikolu 293 tal-Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta jisħaq:

*"Iz-zmien tal-peskrizzjoni jinkiser b'kul att tal-procediment li jigi nnotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat "*

Illi a fol 21 tal-process tinsab eżebita r-referta posittiva tal-imputat, minn liema referta jirriżulta li l-imputat ġie notifikat fil-ħdax (11) ta' Ġunju elfejn erbgħa u għoxrin (2024).

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma dak sottomess mill-Abbli Legali tal-appellant illi l-Ewwel Qorti kien żbaljata fil-kalkoli tagħha għar-rigward il-preskrizzjoni. Jekk se mai hemm dubju dwar meta kien dovut il-manteniment għax-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), id-dati huma:

i. dik tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) – fejn l-aħħar ġurnata għal-fini ta' preskrizzjoni kienet tkun dik tat-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024)

ii. dik tat-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) – fejn l-aħħar ġurnata għal-fini ta' preskrizzjoni kienet tkun dik fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024)

Illi għalhekk ifisser li l-imputat ġie notifikat bl-akkuża fiż-żmien il-Liġi u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment ta' dawn il-proċeduri.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**